5 ta' Gunju 2003

*Stqarrija ghall-Media kollha*

# Oqsma tad-Dizabilita'

Ghal hafna nies, li jkollok dizabilita jfisser biss li inti ghandek nuqqas fiziku, jew mentali, bhal nghidu ahna li ma tkunx tista' timxi, tara, jew tisma', jew li jkollok xi diffikulta biex titghallem. Izda fil-fatt, id-dizabilita hi aktar minn hekk. L-akbar dizabilita' hi meta s-socjeta' taghna tohloq xkiel zejjed li, minhabba fih, persuni li ghandhom nuqqas fiziku, intellettwali, jew nuqqas ta' sahha mentali, isibuha difficli biex jippartecipaw b'mod shih fil-hajja tas-socjeta. Dan ix-xkiel jista' jkun: pregudizzju u attitudini negattiva, nuqqas t'accessibilita' fl-ambjent fiziku, nuqqas ta' access ghall-informazzjoni, jew ghall-mezzi ta' komunikazzjoni. Dan ix-xkiel kollu johloq nuqqas ta' opportunitajiet indaqs u minghajr opportunitajiet indaqs ma nistghux ikollna socjeta' inklussiva.

Dawn huma t-temi ewlenin ta' 'Oqsma tad-Dizabilita' (Disability Issues), programm tal-Kummissjoni Nazzjonali Persuni b'Dizabilita' li jikkonsisti f'tahdidiet u korsijiet iddizinjati ghal gruppi differenti. Fis-sensiela ta' fuljetti ta' informazzjoni dwar is-servizzi taghha, il-KNPD ghadha kemm harget fuljett ta' informazzjoni dwar dan il-programm.

Dan is-servizz jipprova jilhaq tliet ghanijiet principali:

- Jintroduci l-partecipanti ghal principji ewlenin li ghandhom x'jaqsmu mad-dizabilita';
- Il-partecipanti jkollhom cans jiltaqghu ma' persuni b'dizabilita' u jirriflettu dwar l-esperjenzi taghhom;
- Il-partecipanti jaslu biex jikkonfrontaw uhud mill-kawzi principali tal-pregudizzji u bizghat li individwi u s-socjeta' ghandhom relatati ma' dan il-qasam.



Centru Hidma Socjali, Triq Braille, Sta. Venera HMR 18, MALTA
Telefon: 487789 · 448521 · 245952 Fax: 484609 Text telefon: 446536
Centru: 441311, ext. 218 Email: helpdesk@knpd.org

Il-laqghat ta' l-Oqsma tad-Dizabilita' jsiru lill-gruppi differenti kif tixhed din it-tabella li turi l-hidma tal-Kummissjoni f'dan il-qasam matul l-ahhar sena:

| **LECTURES DWAR L-OQSMA TAD-DIZABILITA'** | | |
|---|---|---|
| **Klijent** | **Kors** | **Nru. ta' Studenti** |
| **Universita' ta' Malta** | | |
| * Fakulta' ta' l-Edukazzjoni | B.Ed. | 110 |
| | Facilitators | 120 |
| | B.Psy | 80 |
| * Fakulta' tal-Medicina | | 80 |
| * FEMA | Social Work | 70 |
| * Istitut g]al Harsien tas Sahha | Nersis, Com & Occ therap | 80 |
| * Centru ta' Ghawdex | Facilitators | 40 |
| | | 580 |
| **Divizjoni ta' l-Edukazzjoni** | Pre-Primary | 30 |
| | | |
| **Istitut g]all-Istudji Turisitici** | Gwidi | 15 |
| | | |
| **ETC** | Child Care Workers | 60 |
| | | |
| **HSBC** | Varji | 240 |
| | | |
| **Akkademja tal-Pulizija** | Rekluti | 60 |
| | Spetturi | 10 |
| | | 70 |
| **Dip ghall-Harsien tal-Familja** | Varji | 35 |
| | | |
| **Taqsima Ghajxien Issapportjat** | Support Workers | 35 |
| | | |
| **Ghaqdiet** | Parocca Haz Zebbug | 30 |
| | Grupp Djakonijia, Caritas | 30 |
| | Grupp Bzonnijiet Sp, Attard | 25 |
| | | 85 |
| **Total** | | **1150** |

Kull min hu interessat jorganizza xi laqgha jew kors dwar Oqsma tad-Dizabilita' jista' jikteb lic-Chairman tal-KNPD bid-dettalji ta' l-organizzazzjoni tieghu.

Il-fuljett dwar Oqsma tad-Dizabilita' jista' jinkiseb bil-Malti u bl-Ingliz, kif ukoll f'diversi forom ohra, fosthom: bil-Braille, b'tipa kbira, fuq audio cassettes jew minn fuq il-website tal-Kummissjoni htttp://www.knpd.org. Biex takkwista kopja tal-fuljett bil-forma li tixtieq, ikteb jew cempel, lill-Kummissjoni Nazzjonali Persuni b'Dizabilita', Centru Hidma Socjali, Santa Venera - Tel: 2148-7789; Textelefon: 2144-6536; Email: helpdesk@knpd.org.